

# Il-Vapur tal-Art



Kitba ta' Paul Galea

Minn dejjem kienu ħafna l-Maltin li kienu jħobbu jmorru għall-festa tas-Salvatur li tiġi ċċelebrata f'nhar is-6 ta' Awwissu ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Lija. Din il-festa li minn dejjem magħrufa għall-ġmiel tal-logħob tan-nar tattira wkoll numru ta' turisti li jkun qegħdin iżuru pajjiżna fuq xi btala.

Iżda fil-bidu tas-seklu għoxrin il-biċċa l-kbira ta' dawk il-barranin li kienu jmorru għall-Festa tas-Salvatur kienu suldati Ingliżi u l-familjari tagħhom. Dawn kienu stazzjonati Malta mas-servizzi Ingliżi. Kienu jippruvaw iqattgħu ftit ħin jieħdu pjaċir. Xi grokk ma jonqosx u l-pastizzi kienu jinżlu tajjeb. Dawn kienu jiġu lejn Ħal Lija bil-ferrovija jew aħjar bil-vapur tal-art. Kien hemm żewġ postijiet fejn wieħed jista' jieqaf matul ir-rotta.



F'dan ir-ritratt jistgħu jidhru r-rails li qed jissaportjaw din is-siġra.



Ferrovija tħalli l-istazzjon ta' Ħ'Attard.

Wieħed kien l-istazzjoni ta' Ħ'Attard magħruf bħala Attard Station li kien jinsab sewwa sew ħdejn Villa Bologna, fejn kien hemm ir-residenza ta' Lord Strickland, u l-ieħor aktar 'l isfel. Dan kienu jsejħulu San Anton Platform. Dan tal-aħħar jinsab viċin il-Ġonna ta' San Anton. Din kienet waqfa familjari ħafna ma' dawk li kienu jżuru dawn il-ġonna. Waqfa sewwa, sewwa f'Old Railway Track Ħal Balzan, qabel wieħed jasal fejn il-fetħa ta' fejn hemm il-Corinthia Palace.

Minn dawn iż-żewġ postijiet kont trid terħilha għal Ħal Lija

jew bil-mixi jew tirkeb il-karozzin. Dan kien ifisser qligħ tajjeb għal dawk il-karozzini u mhux anqas għal Malta Railway li għal din il-festa kienet torganizza skeda ta' vjaġġi speċjali bħalma kienet tagħmel għal festa oħra, bħal Santa Marija, San Ġużepp u l-Imnarja. Ħal Lija bid-djar tagħha armati għall-festa u miftuħin għall-arja qishom għal esebizzjoni biex jitgawdew min-nies li jgħaddu mit-toroq waqt li t-tfal iżanżnu lbiesi u żraben ġodda. Xalata ta' kuluri waqt li l-banda ddoqq marċi brijużi li joħolqu atmosfera tant ferrieħa.


Il-Ferrovija Ħ'Attard fi triqitha għall-Belt.



Is-siġra li kienet landmark fil-pjataforma ta' San Antonio.

Min kien ikun qiegħed jivjaġġa fuq il-ferrovija bejn il-Belt u l-Imtarfa, kien xorta waħda jgawdi l-logħob tan-nar u t-tfaqqigħ tal-murtal li flimkien mal-berq tagħhom kien jaħsduk. Minn barra dakinhar tal-festa kien hemm bosta nies kemm residenti u kemm qraba tagħhom li kienu jagħmlu użu mill-vapur tal-art.



Isem ta' triq li jagħti għall-pjataforma San Antonio Ħal Balzan.

Ħafna mix-xiri partikolari kien isir mill-Belt Valletta. Oħrajn kienu jużaw dan is-servizz biex imorru u jiġu lura għax-xogħol. Fi tmiem il-ġimgħa wħud kienu jerħulha għall-Buskett jew għar-Rabat u l-Imdina, fejn kienu jiltaqgħu ħafna nies fuq is-Saqqajja. Il-vjaġġ bit-tren kien ħarġa fih innifsu li kienet tinżel tajjeb kemm mat-tfal kif ukoll mal-kbar. Kien hemm vaguni tal-ewwel u tat-tielet klassi. Filwaqt li dawk tal-ewwel klassi kienu bil-kuxins biex ikunu komdi dawk tat-tielet klassi, kienu biss injam. Dan is-servizz bil-ferrovija ġie fi tmiemu f'Marzu tal-1931. L-aħħar nies li marru għall-festa tas-Salvatur b'dan il-mezz tat-trasport jew aħjar bil-vapur tal-art kien f'Awwissu tal-1930.



Verżjoni ġdida tal-isem tat-Triq.